MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 7/2013

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 7/2013**

**MARK u GERALDINE MEILAQ**

**Vs**

**CONNE GAUCI De BRINCAT**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fil-31 ta' Lulju 2013 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifuzjoni ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal qattus li nxtara minghand l-intimata, liema qattus kellu kundizzjoni medika.*

*L-intimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u x-xhieda tal-intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

***Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-***

*F'Awissu 2010, kienu xtraw qattus minghand l-intimata. Dan il-qattus kellu ftit ponot suwed fuq geddumu, li skond l-intimata, ma kienu xejn jekk inaddfulu wiccu spiss. Ghalkemm ir-rikorrenti kienu jaghmlu ezatt kif qaltilhom l-intimata, il-problema kompliet tigber. Meta r-rikorrenti hadu l-qattus ghand il-veterinarju, huwa qalilhom li l-qattus kien qed ibaghti minn allergija kbira u li kienet xi haga kronika, u mhux semplicement kosmetika, kif kienet qaltilhom l-intimata.*

*Ir-rikorrenti jhossu li l-intimata ma kenietx leali lejhom u li dahqet bihom. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jitolbu l-flus lura tal-qattus, u cioe` erbgha mitt Twro (€400.00), u l-ispejjez li jammontaw ghal elf u mitjen Ewro (€1,200.00). Dan il-qattus ghandu bzonn kura ghal ghomru.*

***L-intimata issottomettiet bil-miktub illi:-***

*It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:*

*1. Il-qattus mertu tal-kawza ma kellu l-ebda mard kif deskritt mir-rikorrenti fit-talbiet taghhom, meta nxtara minghand l-intimata f'Awissu 2010, u cioe` madwar sentejn ilu;*

*2. Illi l-intimata kienet hadet lill-qattus ghand il-veterinarju qabel ma gie mibjugha lir-rikorrenti, sabiex il-qattus jigi ezaminat u jiehu l-ingezzjonijiet necessarji ghal prevenzjoni ta' mard;*

*3. Ma hemm ebda prova li meta nxtara l-qattus dan kellu xi marda li llum isofri minnu;*

*4. Tant li l-qattus kien f'qaghda tajba, li r-rikorrenti taw il-qattus taghhom ghal photo shoot tal-kumpanija tal-hwejjeg 'French Connection'.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.*

*Ir-rikorrenti ezebew dokumenti relattivi li gew immarkati bhala Dok.MM sa Dok.MM7*

*Xehed Glen Vella, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi hu habib tal0-familja u li kienu marru tliet koppji li thajjru jixtru qattus minghand l-intimata. Skond ix-xhud, minbarra li ma kontx tara wiccu, dan l-istess qattus jidher li huwa mghaxxex.*

*Xehed Dr. Adrian Vella, veterinarju, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr li l-ewwel darba li r-rikorrenti kienu marru l-klinika tieghu bil-qattus, dan kellu infezzjoni f'geddumu. Inghata treatment. Ken hemm xi improvement. Gew eskluzi kawzi kontrollabli bhal ma huma insetti u ikel. Din m'hijiex kondizzjoni genetika. Din il-kundizzjoni tizviluppa biz-zmien. Li tfejjaqha ghal dejjem, le ma tistax, pero' wiehed jista' jikkontrollaha biex taghti hajja ahjar lill-qattus. Xehed ukoll li l-qattus ghadu that il-kura tieghu sa llum.*

*In kontro ezami, l-istess xhud stqarr li l-ewwel darba li ra l-qattus kien fl-2011. Il-qattus ma twelidx bl-effetti tal-allergija, pero' twieled li fil-code bijologiku tieghu, din eventwalment ha tohrog reazzjoni abnormali ghal xi haga li normalment il-gisem ma jireagixxix ghaliha. Xehed illi kien ra l-qattus ta' xahrejn fejn sab li kellu reazzjoni fil-gilda. Statistikament hemm l-etajiet fejn generalment tohrog, li huma mill-ewwel sena sa ghaxar snin. Il-kondizzjoni li ghandu l-qattus hija reazzjoni ghal fatturi ambjentali. M'hijiex contact allergy. Il-kondizzjoni tal-lesions kienet fil-bidu taghha meta rajtu l-ewwel darba l-qattus. Wiehed jinduna bil-kondizzjoni meta johorgu l-lesions. Irid ikun hemm il-lesions evidenti biex jibda l-process.*

*It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimata hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.*

*L-intimata esebiet dokument, li gie mmarkat bhala Dok. CGDB1.*

*Xehed Chris Gauci, prodott mill-intimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr li huwa t-tifel ta' l-intimata u li meta hu u l-intimata kienu hadu l-qattus ghall-photoshoot organizzata mill-kumpanija ' French Connection', il-qattus kien normali hafna u ma kellu xejn.*

*Xehdet Dr. Karen Camilleri, veterinarju, prodotta mill-intimata, fejn fix-xhieda guramentata taghha hija stqarret li kienet rat il-qattus in kwistjoni fis-26 ta' Awissu 2010, fejn taghtu l-ewwel vaccination. It-tieni vaccination kienet tathielu ghand ir-rikorrenti fid-dar taghhom fejn kienet ukoll ezaminat il-qattus.*

*In kontro-ezami, l-istess xhud stqarret illi la tat il-vaccination lill-qattus, mela sinjal li kien ghadu b'sahhtu, ghaliex ma tistax taghti vaccination fuq qattus meta ghandu xi haga.*

*It-Tribunal ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkummenta fuq il-fatt illi filwaqt li jirrizulta ampjament car mill-provi illi l-intimata ma kenitx u qatt ma setghat tkun konxja tal-kondizzjoni medika li zviluppat fil-qattus wara li nbiegh, dan ma jeskludiex il-fatt illi l-kondizzjoni medika li beda jsofri minnu l-qattus, u cioe' 'allergic dermatitis', hija kondizzjoni li l-qattus jitwieled biha "fil-code bijologiku" tieghu u li din "eventwalment ha tohrog reazzjoni abnormali ghal xi haga li normalment il-gisem ma jireagixxix ghaliha". Illi ghalhekk, u nonostante l-fatt illi l-kondizzjoni hija wahda li pprezentat ruhha wara li sar in-negozju, tali kondizzjoni hija wahda li l-qattus twieled bi predispozizzjoni ghaliha. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u b'referenza ghall-fatt illi r-rikorrenti jixtiequ jibqghu fil-pussess tal-qattus in kwistjoni, it-Tribunal qed jilqa' it-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimata thallas l-ammont ta' elf u tliet mitt Ewro (1,300.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimata."*

Minn din is-sentenza l-intimata Connie Gauci De Brincat ħassitha aggravata u interponiet l-preżenti appell fejn ilmentat in sintezi illi it-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi li kellu quddiemu u dana ghaliex ma ingiebet l-ebda prova konklussiva illi l-qattus kien ibati minn marda fil-gilda meta inxtara mir-rikorrenti.

Illi ma hemmx dubbju illi dak li qed titlob l-appellanti huwa illi din il-Qorti taghmel valutazzjoni mill-gdid tal-provi migbura quddiem it-Tribunal u dan ghaliex tishaq illi t-Tribunal ma setax jasal ghal konkluzjoni illi l-qattus twieled bi pre-disposizzjoni li jizviluppa l-kundizzjoni medika maghrufa bhala "*allergic dermatitis*", billi mix-xhieda tat-tobba veterinarji li xehdu jirrizulta illi l-qattus kien b'sahhtu meta inbiegh tant hu hekk illi l-qattus kein anke ha sehem f'*photoshoots* ghal kumpanija *French Connection*.

Illi ghalkemm din il-Qorti dejjem hadet il-linja illi ma tiddisturbax b'mod legger l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal billi dan kellu l-opportunita li jixtarr direttament il-provi migbura *viva voce*, madanakollu hija tal-fehma illi ghandha tifli l-atti processwali u senjatament id-dokumenti hemmhekk esebieti, b'mod specjali ix-xhieda tat-tabib veterinarju Adrian Vella u ir-rizultati tat-testijiet li saru fil-laboratorju. Minn hawn johrog fic-car dak konkluz mit-Tribunal illi il-qattus kien qed ibati minn marda fil-gilda maghrufa bhala *allergic dermatitis* u li din il-kundizzjoni medika zviluppat fih peress illi huwa kien twieled b'predisposizzjoni li jizviluppa dina il-kundizzjoni.

Mhux biss izda l-appellati isostnu, illi fil-mument tal-bejgh huma kienu diga innutaw xi sinjali suwed f'wicc il-qattus u meta staqsew lill-appellanti jekk dan kienx jikkostitwixxi xi difett hija serrhitilhom rashom illi dawn il-ponot kienu imorru wahdehom jekk jitnaddfu. Jidher izda li din il-kundizzjoni aggravvat ruhha tant illi il-qattus spicca taht il-kura tat-tabib veterinarju Dr. Adrian Vella sa minn mindu kellu ftit xhur, liema kura huwa irid jibqa jircevi tul hajjtu. It-tabib hekk ighid fic-certifikat tieghu:

"*From a very early age the cat has been suffering from an allergic skin disease which most of the time is complicated by secondary bacterial infection. The*

*condition is maintained under control by the constant use of steriodal inflammatory drugs.*"

Illi stabbilit ghalhekk illi t-Tribunal seta ragonevolment jasal ghal konkluzjoni li wasal ghaliha u dana minn dak li kien jinsab fl-atti probatorji, b'dan ghalhekk illi l-ewwel aggravvju qed jigi respint, jifdal ghalhekk illi jigi trattat it-tieni aggravvju imressaq *in subsidium* mill-appellanti illi t-Tribunal raggunta il-konkluzjoni illi il-qattus mibjugh ma kienx tal-kwalita pattwita kellu japplika dak dispost fl-artikolu 1429(2) tal-Kodici Civili li jiddisponi illi:

**Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ**

Dan ghaliex fil-fehma tal-appellanti hija irnexxielha tipprova illi ma kenitx a konjizzjoni ta' din il-kundizzjoni medika fil-qattus fil-mument tal-bejgh, u ghalhekk hija responsabbli biss ghar-rifuzjoni tal-prezz u mhux ukoll ghal-ispejjez medici inkorsi mill-appellati ghal kura tal-qattus.

Illi l-appellati jissollevaw il-pregudizzjali dwar l-improponibbilita ta' dan il-gravam u dana peress illi tali difiza qatt ma tressqet *in limine litis* quddiem it-Tribunal meta kienet rinfaccjata b'talba mhux biss ghar-rifuzjoni tal-prezz, izda ukoll ghal hlasijiet addizjonali in linja ta' danni u dan in konnessjoni ma' spejjez medici inkorsi fil-kura tal-qattus mibjugh..

Illi minn ezami tar-risposta ta'l-appellanti jidher evidenti illi l-appellati ghandhom ragun, dan ghaliex din l-istess eccezzjoni, issa mqanqla, qatt ma ffurmat kontroversja quddiem it-Tribunal u qatt ma giet hekk definita minnu. La dan ma sarx minnha fil-mument propizju, "***mhux lecitu allura li f' dan l-istadju jqajjem eccezzjonijiet li hu kellu kull opportunita` li jissolleva fi stadju opportun quddiem l-ewwel istanza.***" (Ara "Doris Gauci et -vs- Albino Micallef

(High Flyers Services Ltd) et”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta’ April 1998.) Kwindi anke dan it-tieni aggravvju qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjez ta’ dina l-istanza ikunu ghak-karigu tal-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------